V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-"Kapitali Ewropea tal-Kultura" — EAC/A04/2021

(2021/C 512/04)

1. F'konformità mad-Deċiżjoni 445/2014/UE kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1545, emendata ulterjorment bid-Deċiżjoni (UE) 2020/2229, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ u l-Kultura tal-Kummissjoni qiegħed joħroġ sejħa għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-Azzjoni tal-Unjoni "Kapitali Ewropea tal-Kultura" għas-sena 2028, għal bliet f'pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE, f'pajjiżi kandidati jew f'pajjiżi potenzjalment kandidati, u li jieħdu sehem fil-Programm Ewropa Kreattiva fid-data tal-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa.

2. L-għan ta' din is-sejħa huwa li twassal għall-ħatra ta' waħda minn dawn il-bliet bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura tal-2028.

3. L-objettivi tal-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura huma li tiġi ssalvagwardjata u promossa d-diversità tal-kulturi fl-Ewropa filwaqt li jiġu enfasizzati l-karatteristiċi komuni tagħhom, kif ukoll li jiżdied is-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini għal żona kulturali komuni, u li titrawwem il-kontribuzzjoni tal-kultura għall-iżvilupp fit-tul tal-bliet. Il-belt li tinħatar Kapitali Ewropea tal-Kultura għandha tagħmel ħiliitha biex ittella' attivitajiet li jsaħħu l-firxa, id-diversità u d-dimensjoni Ewropea tal-offerta kulturali tagħha; iwessgħu l-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fil-kultura; u jsaħħu l-kapaċità tas-settur kulturali tagħha u r-rabtiet ta' din tal-aħħar ma' setturi oħra, kif ukoll ikabbru l-profil internazzjonali tagħha permezz tal-kultura.

4. Għal tagħrif dettaljat, il-kundizzjonijiet tal-finanzjament u l-formola tal-applikazzjoni, wieħed jista' jirreferi għat-test sħiħ tas-sejħa li jinsab fuq: https://ec.europa.eu/culture/calls/ecoc-2028

   It-test sħiħ jagħti ħarsa lejn il-kriterji għall-eliġibbiltà, għall-esklużjoni u għall-għoti li se jiġu applikati fil-valutazzjonijiet tal-applikazzjonijiet, u fih ukoll tagħrif dwar il-proċedura tal-għażla. L-applikazzjonijiet iridu jkunu konformi mar-rekwiżiti kollha stipulati fit-test sħiħ tas-sejħa.

5. L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu fl-indirizz indikat fit-test sħiħ tas-sejħa, sa mhux aktar tard mill-**11 ta' Novembru 2022**.